**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**LAQGĦA B'URĠENZA**

**SEDUTA NRU. 25 - IT-TLIETA 16 TA' NOVEMBRU 2010**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | David Bonello | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* BIĊ |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm membri tal-pubbliku preżenti iżda kien hemm *cameraman* tal-istazzjon tat-TV ONE jiġbed is-seduta. | |

**1. REKLAMAR GĦALL-ATTIVITÀ TAR-RAĦAL FIL-MILIED**

1.1. Is-Sindku għamlet introduzzjoni u spjegat ir-raġuni għal-laqgħa b'urġenza. Ir-raġuni kienet dwar komunikazzjonijiet li għaddew permezz tal-email bejnha u bejn il-Kunsillier Bonello fejn kien hemm nuqqas ta' qbil fuq reklam partikulari. Hija stiednet lill-Kunsillier Bonello biex jispjega r-raġuni eżatta għall-argumenti tiegħu.

1.2. Min-naħa tiegħu il-Kunsillier Bonello iddikjara li, aktar milli xtaq jispjega, kien se jippreżenta dikjarazzjoni. Huwa infatti ippreżenta d-dikjarazzjoni li hija annessa f'A.

1.3. Is-Sindku aċċettat id-dikjarazzjoni u talbet li tkun mehmuża mal-minuti.

1.4. Il-Kunsilliera Miceli saħqet li s-Sur Bonello ma setax jikkundanna l-fatt li l-*emails* ħarġu fil-*media* għaliex hi jidhrilha li ladarba huwa bgħat kopja lill-Kunsillieri kollha kien messaġġ biżżejjed li se jsir hekk.

1.5. Il-Kunsillier Brincat staqsa lill-Kunsillier Bonello biex ikun aktar ċar u jispjega x'ried jgħid meta fl-*email* qal li jsiru ordnijiet mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa saħaq ukoll li ma rax għaliex kellha tissejjaħ il-laqgħa b'urġenza.

1.6. Il-Kunsillier Bonello semma li f'kull laqgħa l-Kunsill ikun ippreżentat b'lista ta' ordnijiet li wħud minnhom ma jkunux ġew approvati mill-Kunsill iżda li hu jemmen li tajjeb qed

isir għax mhux prattiku li jkollok ċertu xogħol, eżempju ta’ traqqiegħ jew bżonnijiet għall-uffiċċju, li jridu jistennew deċiżjoni tal-Kunsill.

1.7. Il-Kunsilliera Miceli esprimiet il-qbil tagħha mas-Sindku li l-Kunsillier Bonello ma kellux jaqbad u jikkommetti ruħu għar-reklam.

1.8. Il-Kunsillier Galea saħaq li ma kienx qed ikun hemm għajnuna għall-attività tar-Raħal fil-Milied u ħass li qed jagħmel kollox waħdu u li m’hemmx kordinazzjoni. F’dan il-ħin is-Sindku oġġezzjonat fejn saħqet li kienet ilha tibgħatlu ġimgħa biex jiltaqgħu. Il-Kunsillier Galea imma wera nuqqas ta’ qbil għax sostna argumenti kuntrarji.

1.9. Minħabba li l-Kunsillier Bonello kien iddikjara fl-*email* lis-Sindku li ma jridx aktar jibqa’ jieħu ħsieb il-PR tal-attività, il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami talbitu jirrikonsidra d-deċiżjoni. Ma’ din qablu wkoll is-Sindku u l-Viċi Sindku. Il-Kunsillier Bonello talab sal-għada biex jerġa jaħsibha.

1.10. Il-Kunsillier Bonello spjega l-proposta tar-reklam u għaliex kien jemmen li kien ta’ benefiċċju għall-Kunsill speċjalment minħabba li kienu taw offerta tajba ħafna.

1.11. Is-Sindku mill-banda l-oħra spjegat għaliex ma qablitx u kif bl-istess flus il-Kunsill seta’ jġib aktar turisti.

1.12. Il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami ipproponiet li jintbagħatu emails lit-*tour operators*.

1.13. Il-Kunsillier Gatt ippropona li l-Kunsill jara kif jattira billi jinċentiva lit-*tour operators* f’forma ta’ servizz li jistgħu joffri biex iġibu t-turisti.

1.14. F’dan il-ħin il-Kunsilliera Muscat Fenech Adami skużat ruħa. Il-ħin kien it-8:15pm.

1.15. Kien hemm qbil li bħala baġit għall-PR tal-attività il-Kunsill jivvota €2,500. Is-SE appella biex il-Kunsill jagħti direzzjoni ċara ħalli anki jekk il-Kunsillier Bonello jirrikonsidra d-deċiżjoni tiegħu ikollu gwida ċara kif jista’ jaħdem għaliex ma kienx fadal wisq żmien għall-attività.

1.16. Meta ġie biex jiddeċiedi l-Kunsill ma qabilx li jsir ir-reklam li ppropona l-Kunsillier Bonello.

1.17. Kien hemm qbil ukoll li għandu jsir tentattiv biex ikun hemm reklami fuq *Facebook*.

1.18. F’dan il-ħin il-Kunsillier Bonello ddikjara li huwa rrikonsidra d-deċiżjoni tiegħu u se jkompli jieħu ħsieb il-PR tal-attività.

1.19. Il-Viċi Sindku informa li kien se jikkonferma fuq il-pubbliċità fi programmi televiżivi.

1.20. Il-Kunsillier Galea staqsa jekk għandux jagħmel filmat promozzjonali. Filwaqt li ma kien hemm l-ebda deċiżjoni dwar dan il-Kunsillier Sammut appella biex kull materjal għandu jkun ikkonfermat mill-Kunsill iżda wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li l-materjal għandu jgħaddi mingħand il-Kunsillier Bonello.

## 2. AĠĠORNAMENT

2.1. Il-laqgħa b’urġenza ġiet fi tmiemha fit-8:30pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

**A**

**Dikjarazzjoni mill-Kunsillier David Bonello**

Hi tal-misthija kif email li baghat biex l-affarjiet jimxu ahjar fil-kunsill, intuzat b'mod biex tallegga affarjiet u tghid li jien naf b'xi irregolarita. Mil-ewwel irrid nichad bl-aktar mod kategoriku li jien qatt ma ridt naghti x'nifhem li b'xi mod ridt naghmel allegazzjoni fuq rregolarita fuq is-sindku u l-amministrazzjoni.

Il-frazi il-qabdu is-super one fuq li jsiru ordnijiet mil-kunsill minghajr l-approvazzjoni, kienet spjegazzjoni tal-fatt li ahna kull laqgha tal-kunsill napprovaw l-lista ta' purchase oders hi xhieda li dan l-affarjiet jigu ordanti u wara approvati fil-kunsill fil-paramentri tal-ligi.

Kieku b'xi mod jien naf b'xi irregolarita fis-sindku jew amministrazzjoni , in-natura tieghi ta` persuna ta' zaqqi fommi kif tista` tixhed l-email u kif jien marbut etikament bhala kunsillier nazzjonalista, tghidli biex nitlob investigazzjoni. Minn dan l-lat zgur li ghandi fiducja fis-sindku u fis-Segretarju ezekuttiv u li sa fejn jien infurmat kem ilni involut jien qatt ma sar xejn b'irregolarita minn dawn it-tnejn.

L-email inbghatet sempliciment ghax biex bhala kunsill ngharrfu nimxu ahjar ma xulxin. Ninsab iddispjacut bil-livell ta' nuqqas ta' maturita ta` dak il-kunsillier li zvela l-email lil-istazzjon Super 1, u li dan l-istazzjon minn naha tieghu holoq storja li fiha bl-izjed skorett interpreta u ta lil minn x'jifhem lil fil-kunsill tan-Naxxar ghanda xi allegazzjonijiet li jiena nerga nichad li jien ma nafx bihom u la naf li qedghin jsiru u lanqas qatt ma ridt naghti lil minn jifhem li qed jsiru.

David Bonello
16 ta' Novembru 2010